**31 ta' Lulju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Angelo Baldacchino)

*versus*

Mario Camilleri

**Eżerċizzju Arbitrarju ta' Pretensjonijiet – "*Ragion Fattasi*" – Soprasessjoni**

*Sabiex ikun hemm lok għas-soprasessjoni jeħtieġ li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali investita bil-kwistjoni prinċipali ma jkollhiex elementi bastevoli biex taqta' l-eċċezzjoni li għar-rigward tagħha tkun qiegħda tintalab is-soprasessjoni jew li dik il-Qorti tkun fil-"ġuridika impossibbilità" li tiddeċidi l-kwistjoni prinċipali qabel ma tiġi deċiża minn tribunal ieħor.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputat ġie akkużat li f'Ħal-Qormi fl-24 ta' Awissu, 1985, u f'dawn l-aħħar tliet xhur bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, daħal u okkupa l-garaxx li qiegħed 217, Mdina Road, Qormi. (Ċitazzjoni kif korretta in segwitu tad-digriet tas-6 ta' Mejju, 1986);

Rat li l-imputat eċċepixxa li mhux ħati, u inoltre li *stante* li hemm proċeduri ċivili rigward il-pussess tal-fond, dawn il-proċeduri għandhom jistennew l-eżitu ta' dawk il-proċeduri;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, tal-11 ta' Novembru, 1986, li biha ddeċidiet li tħalli l-kawża *sine die* u dan wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tagħti kull provvediment opportun biex il-kawża titkompla, tiġi ttrattata u finalment deċiża skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Illi mhux soltu li din il-Qorti tindaħal fid-diskrezzjoni li l-Ewwel Qorti teżerċita in materja ta' soprasessjoni. F'dal-każ però hu imperattiv li tiġi rrevokata l-ordni ta' soprasessjoni għax fil-fehma ta' din il-Qorti din ingħatat fuq bażi legali żbaljata;

Infatti kif ġie deċiż minn din il-Qorti *in re* il-Pulizija *vs* Joseph Micallef Stafrace, B.A., LL.D., Vol. XLIII.IV.980 "sabiex ikun hemm lok għas-soprasessjoni jeħtieġ li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali investita bil-kwistjoni prinċipali ma jkollhiex elementi bastevoli biex taqta' l-eċċezzjoni li għar-rigward tagħha tkun qiegħda tintalab is-soprasessjoni jew li dik il-Qorti tkun fil-ġuridika impossibilità" li tiddeċidi l-kwistjoni prinċipali qabel ma tiġi deċiża minn tribunal ieħor. (Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti *in re "Il-Pulizija vs* Paul Laferla Vol. XLV.IV.1012);

F'dan il-każ bir-rispett kollu din il-Qorti ma tifhimx kif l-eżitu tal-kawża ċivili tista' taffettwa l-eżitu ta' din il-kawża għaliex f'din *si tratta* ta' ragion fattasi li hu kunċett differenti minn dak ta' spoll fid-dritt ċivili. Dana s'intendi ferm u indubitat il-prinċipju notorju li l-azzjoni kriminali hi separata u distinta minn dik ċivili u li t-tnejn jitmexxew indipendentement minn xulxin;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tirrevoka d-deċiżjoni appellata u konsegwentement tibgħat l-atti lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.